# PJAN TAL-LEZZJONI

**Kap: Alla jagħtina t-talenti**

**Lezzjoni: 1.5 L-Eroj fl-Antik Testment**

**Għanijiet:**

1. Jisimgħu l-istorja ta' Ruth u ta' Samwel.
2. Joħorġu l-kwalitajiet li għamluhom tassew kbar quddiem Alla.
3. Japplikaw dawn il-kwalitajiet għalihom.



**Riżorsi għal-lezzjoni:**

- Powerpoint – L-istorja ta' Rut
- Powerpoint – L-istorja ta' Samwel
- Vidjo Klipp – Rut
- Vidjo Klipp – Samwel
- Karta ta' Taħriġ 1.4



## Naqsmu flimkien - Introduzzjoni u diskussjoni tal-bidu



- Uri l-istampa fil-powerpoint tat-tifla tgħannaq lil ommha u staqsi lit-tfal x'qed jaraw. Wara d-diskussjoni wassal għall-punt li l-imħabba tintwera bil-fatti u mhux bit-tgħanniq jew diskors biss.
- Ħalli t-tfal jiddiskutu modi konkreti kif juru l-imħabba.

## Nisimgħu flimkien (actual lesson)



- Uri l-powerpoint ta' Rut u staqsi lit-tfal fejn tidher l-imħabba vera f'din l-istorja.
- Uri l-vidjo klipp ta' Rut ukoll biex tenfasizza dan il-punt: li joħroġ mill-fatt li Rut għalkemm kellha l-opportunita' għand niesha, baqgħet ma' Naomi biex tgħinha.
- Aqra s-silta mill-ktieb ta' Samwel fejn Samwel li kien ukoll persuna li tħobb tassew lil Alla, wera din l-imħabba billi qagħad għal dak kollu li qallu biex jagħmel Alla.  U wassal il-messaġġi tiegħu.
- Uri l-powerpoint ta' biċċiet mill-istorja ta' Samwel u uri l-fatt li Samwel kellu jbati biex iwassal il-messaġġ li tah Alla.  Kompli saħħaħ dan il-punt permezz tal-vidjo klipp.

- Iftaħ il-ktieb tal-attivitajiet 1.4.  Spjega s-silta tal-bidu.  Bħala klassi aħdem Attivita' A.
- Attivita' B tista' tinħadem b'mod individwali.

- Xi kwalitajiet li jistgħu assoċjati ma’ Samwel huma: għaqal, kien iħobb tassew, kuraġġ. Ma’ Rut: responsabbli, bieżla, għaqlija.
- Aħdem Attivita’ Ċ fuq bażi ta’ klassi. Spjega l-istorja u ħalli t-tfal jiddiskutu l-mistoqsijiet 1 u 2. Oħroġ dan il-punt: li l-ħbiberija titlob konsistenza li xi drabi tissarraf fi tbatija.

**Nikbru flimkien (punti saljenti tal-lezzjoni)**

1. 1. Rut kienet tfajla sempliċi li kienet toqgħod Moab. Hi żżewġet lil wieħed mit-tfal ta’ Naomi li kienu Lhud. Ġara li żewġha, ħuh u missierhom mietu u allura Rut, Naomi u Ofni sfaw romol. Naomi wriet rispett kbir lejn Naomi u baqgħet magħha sa marret Betlem magħha.
2. Hi batiet biex issib ikel għalihom it-tnejn u kienet tmur fl-għalqa ta’ ħdejhom u tiġbor il-qamħ li jkun baqa’.
3. Alla ppremja lil Rut għaliex iżżewġet li Boaz u t-tifel tagħhom maż-żmien sar in-nannu tar-re David li mir-razza tiegħu, imbagħad, twieled Ġesù.
4. Samwel trabba fit-tempju għax ommu offrietu lill-Mulej.
5. Alla kellmu meta kien rieqed u nduna li kien Alla, u mhux Eli, il-qassis li miegħu Samwel kien joqgħod.
6. Alla riedu jwissi lil Eli dwar uliedu li ma kinux qed jgħixu sew. Kien hu li dilek lil David sultan.





**Nagħżlu flimkien (Attitude)**

- Il-ħbiberija titlob konsistenza li xi drabi

  tissarraf fi tbatija.

## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc



- Vidjo Klipps: Rut u Samwel

## Nitolbu



Ġesu' mhux dejjem ikolli aptit inkun leali lejn ħbiebi, speċjalment meta dan ifisser li ser inkun ftit minn taħt jien. Għini biex bil-kuraġġ kollu nuża l-lealta' dejjem.